MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Numru. 117/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi**
**vs**
**Alfred Attard**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alfred Attard ta' 55 sena, iben Paul u Rosaria nee' Camoin, imwieled Valletta fis-6 ta' Dicembru 1947 u residenti 'Wendeb' Milend Avenue, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' numru 1062147(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-11 ta' Awwissu 2003 u fil-perjodu ta' qabel din id-data f' Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.

Fil-11 ta’ Awwissu 2003 u fil-perjodu ta’ qabel din id-data f’ Malta ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt li gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b’abbuz ta’ awtorita’ jew setgha, inkella ta struzzjonijiet biex isir id-delitt jew ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 42 tal-Kap.9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala ufficjal  jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi flus jew f’ utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi ftiehem jew ipprova, jew ghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna jew persuni ohra biex jiksru id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Salvagg jew biex jonqos milli jikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni leggittimament moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposati minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom, u dan bi ksur ta’ A.L 146/1993 Art 25 kif sussegwentement emendati.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa akkuzat talli fil-11 ta' Awwissu 2003 u/jew fix-xhur ta' qabel, bil-komplicita' u l-kooperazzjoni ta' persuna jew persuni ohra, biex jikseb xi vantagg ghalih nnfisu u/jew ghal haddiehor, kontra l-ligi bil-hsieb li jiffroda l-Gvern ta' Malta minn taxxa dovuta u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni xjentement , kellu x' jaqsam fl-importazzjoni f'Malta ta' ghad ta' glud ta' tjur, ta' annimali u ta' rettili.

L-importazzjoni ta' dawn il-glud hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta' Lm27,997.00c u dazju xejn.

L-imsemmija oggetti huma soggetti ukoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm5039, 46c u liema Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998). Reati u Pieni : L-artikoli 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Kif ukoll ta' l-Artikolu 60 (b) (k) ; l-Artikolu 62(a)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 ; kif ukoll l-Avviz Legali Nru. 44/82 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana izda ukoll meta jinstab hati, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhal li kieku inghatat f'azzjoni civili bejn il-Gvern u l-hati ; Art 62 Kap. 37 ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Marzu 2006 (esebita a fol. 127 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 48A(1)(3), 42(a)(b)(c), 112, 113, 114, 115, 119, 141, 17(b), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 60 (b)(k), 62(a)(i)(k) u 62 tal-Kapitolu 37 ;
(c) fl-artikolu 25 tal-Avviz Legali 146 tal-1993 ;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju 2009, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-11 ta' Awissu 2003 is-sezzjoni ta' kontra d-drogi fi hdan id-Dwana li kienu qed jahdmu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta intercettaw zewg persuni, certu Emanuel Balzan u Carmelo Mifsud, li allegatament kienu qed idahhlu erba' bagalji mimlijin glud tal-ghasafar, uhud minnhom protetti, minghajr ebda licenzja jew permess sabiex jaghmlu dan. Waqt l-investigazzjonijiet preliminari lli saru mill-Pulizija l-istess Pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li seta' kien hemm xi persuni jahdmu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu ser jagevolaw lil persuni li nqabdu sabiex idahlu hawn Malta l-imsemmija glud tal-ghasafar. Iz-zewg persuni intercettati, u cioe' Emanuel Balzan u Carmelo Ciantar, indikaw li kien hemm ufficjali tad-Dwana li kienu kellmu qabel ma gew intercettati mill-membri tal-iskawadra kontra d-droga li kellu jghinhom sabiex jghaddu mid-Dwana bla xkiel. Dawn it-tnejn min-nies taw deskrizzjoni lil Pulizija ta' dan l-ufficjal tad-Dwana u l-Pulizija identifikat lill-imputat odjern li kien wiehed mill-ufficjali tad-Dwana prezenti meta l-imsemmija zewg persuni gew intercettati. Waqt l-investigazzjonijiet giet arrestata persuna ohra certu Brian Galea, li allegatament kellu jassisti f'dan it-traffikar ta' glud u meta dan gie interrogat mill-Pulizija dan qalilhom li kien hu il-mohh wara dan it-traffikar u indika li kien hu li incita lill-

imputat odjern sabiex jikkollabora fit-traffikar u importazzjoni ta' dawn il-bagalji bil-glud tal-ghasafar. Meta l-imputat gie interrogat mill-Pulizija huwa cahad l-involviment tieghu u qal li qatt ma kellu kuntatt la personali u l-anqas telefoniku mal-persuni intercettati izda sussegwentement meta sar konfront l-imputat ammetta li kien iltaqa' ma' wiehed mill-persuni intercettati u ma Brian Galea xi granet qabel il-11 ta' Awwissu 2003. Mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u nvestigattiv, l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 18 et sequitur tal-process) jirrizulta li Emanuel Balzan spjega lil Pulizija li huwa kellu xi glud tal-ghasafar li xtaq igib mill-Egittu u qal kif kien ikkomunika ma Brian Galea  u spjega kif dan tal-ahhar kien ikkomunika ma Carmelo Mifsud u weghdu xi flus sabiex igib dawn il-bagalji bil-glud tal-ghasafar flimkien ma Emanuel Balzan. Balzan qal lil Pulizija li xi granet qabel il-11 ta' Awissu 2003 flimkien ma Brian Galea kien iltaqa' mal-imputat barra l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn gie spjegat lil Emanuel Balzan x'kellu jaghmel malli jasal l-ajruport u cioe' li kellu jghaddi mid-Duty Free Shop, jinzel bil-lift u mhux bit-tarag, u malli jilmah lill-imputat isegwih fiz-zona tad-Dwana u imbaghad johrog minn hemmhekk.  Dejjem skond l-ufficjal prosekutur dan ir-rakkont gie ukoll ikkonfermat minn Brian Galea meta dan tal-ahhar tkellem mal-Pulizija fejn qalilhom li huwa kien ikkomunika ma Alfred Attard u talbu jinvolvi ruhu fit-transazzjoni li kellha issir izda l-imputat ghall-ewwel irrifjuta izda imbaghad accetta bil-kundizzjoni li l-importazzjoni kellha tinvolvi biss glud tal-annimali u mhux droga.

Mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat (esebiti a fol. 23 sa 31 tal-process) jirrizulta li fil-fatt l-imputat innega l-involviment tieghu fit-traffikar u importazzjoni tal-glud tal-ghasafar. Huwa ammetta biss li xi jiem qabel Emanuel Balzan u Carmelo Mifsud gew intercettati huwa kien iltaqa' ma' Brian Galea u ma persuna ohra barra l-Ajruport internazzjonali ta' Malta wara li Brian Galea kien cempillu fuq il-mobile phone tieghu waqt li huwa kien xoghol u dawn kienu qalulu li wiehed minnhom kien ser idahhal xi zewg bagalji bil-hwejjeg u huwa qalilhom kif kellu jghaddi mir-red channel u li kellu jigi mhallas il-VAT.

Ikkunsidrat :

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta ampjament li inbdew dawn il-proceduri fil-konfronti tal-imputat ghaliex huwa gie implikat fil-kwistjoni kollha minn Brian Galea u minn Emanuel Balzan izda f'dawn il-proceduri la xehed Emanuel Balzan u l-anqas xehed Brian Galea u dan ghaliex huma dejjem ghazlu li ma jixhdux minhabba il-possibilita' li jinkriminaw ruhhom stante li l-proceduri fil-konfronti taghhom ghadhom pendenti. Il-Qorti jidrilha li la mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u l-anqas minn ebda prova ohra li gabet il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat b'xi mod kien involut fit-traffikar jew impostazzjoni illegali tal-glud tal-ghasafar jew annimali allegatament maghmul minn Emanuel Balzan u Carmelo Mifsud.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Alfred Attard mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------